MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## ANTHONY ELLUL

Seduta tal-31 ta' Ottubru, 2003

Talba Numru. 1772/2003

Avviz numru: 1772/03AE

Maltacom plc

Vs

Doreen Altajiet

Seduta tat-3 ta' Ottubru, 2003.

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' mitejn u disa' u tletin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm239.71) dovut lis-socjeta attrici in konnessjoni mas-servizz telefoniku li jgib in-numru 21345680 liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali 211, Triq Sant'Elena, Sliema skond diversi kontijiet mibghuta lilu.

Ra li mill-atti jirrizulta li ghalkemm il-konvenuta giet debitament notifikata bl-avviz, ma kkontestatx il-kawza fit-terminu preskritt mil-ligi u lanqas ma dehret ghas-seduta li nzammet quddiem it-Tribunal.

Ra l-kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta attrici u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondihom, u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa’ t-talba u jikkundanna lill-konvenuta thallas is-somma ta’ mitejn u disa’ u tletin lira Maltija u wiehed u sebghin centezmu (Lm239.71), bl-imghax mid-data tan-notifika ta’ l-avviz tat-talba.

L-ispejjez huma ghak-karigu tal-konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------